MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Numru 1140/2012

**Pulizija**

**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Alvin (Albert Vincent) Formosa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alvin (Albert Vincent) Formosa, iben il-mejjet Francis u l-mejta Inez nee’ Magro, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Lulju 1963, residenti gewwa Flat 5, Bayside Flats, St Francis Street, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 428663(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-18 ta’ Settembru 2012 gewwa tas-Sliema u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer,

1) Ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta u cioe BE ta’ sittax-il sena ;

2) Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Marzu 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li ghandu fedina penali kwazi netta u kkunsidrat ukoll l-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 204 C u 209 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum.
Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------